MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2007

Numru. 767/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Jeffrey Cilia)**

**v**

**Arthur Montesin ta' 67 sena**
**bin missier mhux maghruf u Vincenza**
**Agius nee Montesin, imwieled Paola**
**Fit-28 ta' Mejju, 1936, residenti 22,**
**Triq Atlon, Paola u detentur tal-karta**
**tal-identita' bin-numru 448236 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Arthur Montesin li gie akkuzat talli fit-3 ta' Gunju, 1999 u matul ix-xhur ta' qabel din id-ata, fil-Marsa f'Rahal Gdid u f'diversi lokalitajiet f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti wkoll jekk

maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe:

Talli kkommetta serq ta' diversi oggetti, fosthom kwantita' ta' viti, nases tal-grieden, u saqajn tal-imwejjed, mil-Continental Postform Ltd. sitwata fi Triq Garibaldi, Marsa, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) u hin u li sar ghad-detriment ta' l-istess kumpanija.

U aktar talli xjentement b'kull mod li jkun, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, se jwekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitlu 9 tal-Ligijie ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u cioe l-artikoli:

(a) 18, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 280 u 281 tal-Kapitlu 9
(b) 18 u 344 tal-Kapitlu 9
(c) 49 u 50 tal-Kapitlu 9
(d) 533 tal-Kapitlu 9

Rat li nghata l-kunsens mid-Difiza ghal proceduri sommarji (fol 96).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi ghand l-akkuza nstabu numru ta' boroz esebiti bhala Dok PC 17, li taghhom thalliet d-debita rcevuta Dok PC 18 mis-Surgent PS 61 Josef Ciappara.

Illi l-importanza ta' din is-sejba ta' dawn il-boroz immarkati "Sunshine Peat Moss" ghal Prosekuzzjoni kienet konnessa ma' diversi serqiet li sofriet id-ditta Continental Postform Ltd. F'dawn is-serqiet kif xehdu Emanuel Chircop u Charles Busuttil, socji f'din il-kumpanija, ittiehdu eluf ta' viti, hekk imsejha Robinson Screws, saqajn ta' mwejjed u nases tal-grieden. Skond Emanuel Chircop il-valur tar-res furtiva huwa ta' cirka Lm 6000 jew Lm 7000.

Illi aktar tard fl-investigazzjoni tal-pulizija u dan wara li gew maghrufa mill-istess Emanuel Chircop irrizulta illi l-viti kienu qeghdin jinbieghu minn hawn

Ghalhekk il-pulizija ressqet diversi nies il-Qorti akkuzati b'dan is-serq fosthom lil certu Richard Bugeja. Dana xehed illi l-ixkejjer misjuba ghandu, hekk imsejha 'boroz tal-peat' (fol 34) li kienu mimlija b'viti, kien gabhomlu l-akkuzat Arthur Montesin. Huwa ghalhekk gie muri Dok PC (fol 21), ikkonferma li fil-fatt dawn kienu l-boroz li kien qed jiddeponi fuqhom.

Mistoqsi min tahomlu wiegeb Arthur Montesin, spjega wkoll illi l-viti kienu jigu lesti gol-boroz minghand Arthur Montesin (fol 41). Jixhed ukoll dan ix-xhud illi Arthur Montesin barra li gablu boroz mimlijin bil-viti, gablu wkoll biex ibiegh, nases tal-grieden.

Dan ix-xhud qal ukoll illi l-arrangement bejnu u bejn Montesin kienu li jaqsmu l-qliegh tal-bejgh nofs bin-nofs. Rat ukoll is-sentenza esbita a fol 92 Dok JD u f'dan ir-rigward rat il-verbal tad-Difiza li ezentat lill-Prosekuzzjoni mill-prova ta' l-identita' fir-rigward ta' l-imsemmija sentenza (fol 96).

Bugeja zied ukoll li l-akkuzat kien qalu li l-provenjenza tal-viti u n-nases kienet gejja mill-Continental Postform u li dawn kien "dahal" ghalihom (fol 37).

Min-naha tieghu l-akkuzat irrilaxxa stqarrija lill-Pulizija investigattiva u aktar tard ghazel li jiddeponi viva voce quddiem din il-Qorti. Ta zewg verzjonijiet differenti. Fl-istqarrija jghid li l-boroz tal-peet, dawk li nstabu ghandu sabhom hdejn il-Continental ma’ zibel u mbarazz mormi, ghalhekk gabarhom fost affarijiet ohra. Innega r-reati lilu addebitati. Dwar Bugeja jghid li kienu joqoghdu hdejn xulxin u gieli kien imur jghinu fil-garaxx, jghinu fl-ghamara.

Viva voce, allura issa li semgha lil Bugeja jixhed, qal li dak li xehed Bugeja fuqu, qalu ghax ried ipattilu ghax kellhom xi jghidu fuq xi ghamara. Reggha rritjena li l-boroz misjuba ghandu kien gabarhom minn barra. Baqgha insistenti li Bugeja ried ippatihielu talli Bugeja lill-akkuzat ma ghamillux xkaffa.

Ikkonsidrat

Illi frankament xejn ma kien konvincent l-akkuzat dwar l-iskuza minnu misjuba biex jiskredita lil Bugeja, ta fi stadju tax-xhieda tieghu verzjoni differenti hafna dwar dik li kienet ir-relazzjoni tieghu ma’ Bugeja (darba li ghazel li jixhed). Oltre hekk ftit jista’ jitwemmen dwar il-fatt li huwa sab il-boroz mormijin fiz-zibel, konsiderando l-fatt li dawn il-boroz kif jidhru fir-ritratt Dok RC17 jidhru godda, nodfa u ntatti. Oltre dan il-kumbinazzjoni li l-boroz misjuba bil-viti ghand Bugeja nzertaw l-istess bhal dawk misjuba ghand l-akkuzat tikkorrobora dak depost mill-istess Bugeja.

Pero’ din il-Qorti ghalkemm hija konvinta mill-htija ta’ Arthur Montesin in kwantu ghar-reat ta’ ricettazzjoni u recidiva ma tqisx li gie pruvat il-htija tieghu fir-rigward tar-reat ta’ serq. L-unika xhieda migjuba hawn kien biss dak li xehed Bugeja fuq dak li qallu Montesin dwar il-provenjenza.

Ghaldaqstant qeghda ssibu hati tar-reat ta’ ricettazzjoni, tqisu wkoll recidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-kapitlu 9. Ghal fini ta’ piena rat ukoll l-artikoli 279 tal-Kapitlu 9,

tikkundanna lil Arthur Montesin ghal piena karcerarja ta’ tmintax-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------